MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Numru 676/2002

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Darren Debono, iben Paul, imwieled San Ġiljan fid-9 ta' jannar, 1974

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'Raħal Ġdid, f'xi ħin bejn il-31 ta' ottubru, 2001 u l-1 ta' novembru, 2001 , ikkometta serq ta' oġġetti u cioe' 'Reefer Container Unit' kif ukoll trailer bin-numru tar-reġistrazzjoni TR 308, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Lewis Magri & Sons Ltd.;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq

jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom, liema oġġetti misruqin ġejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' diċembru, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 261(ċ)(e)(f)(g), 267, 269, 270, 271, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' marzu, 2004 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-1 ta' novembru, 2001 wara nofs in-nhar insterqu reefer u trailer mill-car park li hemm biswit iċ-ċimiterju ta' l-Addolorta. Spiru Magri, direttur tas-soċjeta' L. Magri &Sons Ltd., sidien ta' dawn l-inġenji għamel rapport ta' dan fl-għassa tal-pulizija ta' Paola.

Illi fl-24 ta' april, 2002 Aaron Magri nforma lil Carmelo Magri, żijuh u wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' hawn fuq imsemmija, li hu kien ra t-trailer fi Triq il-Kanun, Santa Venera, fejn, dak iż-żmien, kienu qed jibnu l-uffiċini l-ġodda tal-Bank of Valletta.

Illi ġie assodat li dak it-trailer kien fil-fatt dak misruq mill-Marsa u għalhekk il-pulizija bdiet l-investigazzjoni tagħha biex tiskopri kif dak it-trailer instab hemmhekk.

Illi mill-investigazzjoni rrizulta li Frans Zammit kien silef it-trailer lil Sebastian Dalli. Irrizulta li Frans dalli xtara dan it-trailer għal prezz ta' Lm200 mingħand l-imputat permezz ta' Malcolm Dimech li kien impjegat ma l-istess imputat.

Illi meta l-pulizija marru fi Triq Carmel Mallia, San Gwann huma sabu żewġ reefers li kien f'bitħa li kien mimlija ħut biex ifornu l-ħanut tal-ħut ta' l-imputat li kien qrib din il-bitħa. Wieħed minn dawn ir-reefers kien dak misruq.

Illi l-imputat ġie arrestat u fil-kors ta' l-investigazzjoni qal lill-pulizija li hu kien xtara r-reefer u it-trailer mingħand ċertu Jesmond. Dan il-bejgħ sar madwar diċembru, 2001 għal prezz ta' Lm2,500.

Illi l-imputat xehed li dak iż-żmien kien beda negozju tal-bejgħ tal-ħut. Il-partner tiegħu kien ġie nieqes u għalhekk kellu jieħu ħsieb kollox hu. F'dak iż-żmien ukoll il-ħut kien jaħżnu għand Caruana Cold Stores. Ġara li dawn il-cold stores ġew mixtrija minn soċjeta' oħra li ntimat lill-imputat biex jieħu l-ħut tiegħu band' oħra. Hu xehed li għalhekk beda jfittex cold stores biex jaħżen il-merkanżija. Wieħed li hu kien kellem issugerilu li jixtri reefer li kien ikun iktar ekonomiku għal l-iskopijiet tiegħu. Ġara li l-imputat fil-fatt fl-istess perjodu xtara żewġ reefers wieħed minn socjeta' magħrufa li rrilaxxatlu riċevuta u t-tieni wieħed mingħand dan Jesmond. L-imputat xehed li kien Jesmond li avviċinah waqt li kien qed jgħaddi xi karti d-dwana.

Illi n-negozju seħħ u dan Jesmond ikkonsenja t-trailer u ir-reeefer fil-post li ndika l-imputat u cioe' f'bitħa ftit bogħod minn San Gwann. Dan it-trailer u ri-reefer qagħad f'dan il-post għal xi żmien. L-imputat iddeċida li jkun aħjar li dan ir-reefer jieħdu ħdejn il-ħanut tiegħu San Gwann u hekk għamel. Billi dan ir-reefer kien tal-erbgħin pied hu talab l-assistenza tal-pulizija biex ikun jista' iqiegħed dan ir-reefer fil-bitħa. Din l-operazzjoni saret fid-dawl tax-xemx, kmieni wara nofs in-nhar u kien hemm żewġ Pulizija preżenti għal

din l-operazzjoni. Kien wara li r-reefer sab postu fil-bitħa li l-imputat talab lil Malcolm Dimech u jsib xerrej għat-trailer billi l-imputat ma kellux użu għalih.

Illi l-pulizija saħqet ma l-imputat biex jindika min kien dan Jesmond iżda l-imputat ma kienx kapaċi jforni ebda nformazzjoni dwar din il-persuna.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li suppost it-transfer tat-trailer kellu jiġi reġistrat. Dan l-imputat ma għamlux u stqarr li ma kienx jaf li kellu jsir hekk. Hu forna provi lil din il-Qorti li t-trailers li kien hemm fuq it-toroq maltin sas-sena 2003 ma kellhom ebda numru tar-reġistrazzjoni, kif titlob il-liġi. Għalhekk, hu ħaseb li għal trailer ma kienx hemm bżonn ta' ebda forma ta' reġistrazzjoi jew ta' numru tar-reġistrazzjoni.

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova li l-imputat seraq dan it-trailer u ir-reefer li kien hemm fuqu.

L-imputat xtara dawn l-inġenji bil-prezz tas-suq ta' dak iż-żmien għall-inġenji 'second hand'. Hu ma ffranka xejn u dejjem saħaq li hu ma kienx jaf li dawk l-inġenji kien misruqa.

Illi mix-xhieda ta' l-imputat u mill-kumpless tal-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat kellu l-ħsieb wisq anqas l-intenzjoni li jixtri dawn l-oġġetti misruqa. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat ma kienx jaf li dak li xtara kien misruq. Huwa veru li ma kienx għaqli biżżejjed f'dan in-negozju iżda dan hu 'il bogħod milli tgħid li kien koxxenti li kien qed iwettaq negozju mhux skond il-liġi u għalhekk kien qed jixtri oġġetti misruqa. Il-fatt li hu biegħ it-trailer fl-apert mingħajr ebda ħabi hu xhieda ta' dan. Persuna li kienet taf li t-trailer kien misruq kien jaġixxi mod ieħor.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------